

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1025****tal-24 ta' Ġunju 2016****li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2008 rigward id-definizzjoni tar-raggruppamenti tal-irkapti tax-xbieki tat-tkarkir bi travu f'ċerti żoni ġeografiċi**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jstabbilixxi pjan għal perjodu fit-tul għall-istokkijiet tal-merluzz u għas-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 423/2004 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 31 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1342/2008 jistipula li l-limiti tal-isforz tas-sajd huma assenjati lil gruppi ta' sforz iddefiniti skont ir-raggruppamenti tal-irkapti u skont iż-żoni ġeografiċi stabbiliti fl-Anness I ta' dak ir-Regolament.
- (2) Wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-Politika Komuni tas-Sajd huwa li telimina l-prattika ħalja tar-rimi. L-obbligu tal-iżbark se jidħol progressivament fis-seħħ għal ċertu sajd demersali li bħalissa huwa kopert mir-reġim tal-isforz tas-sajd skont ir-Regolament (KE) Nru 1342/2008. Dan il-perjodu jibda mill-2016 u jispiċċa l-aktar tard sal-2019.
- (3) Minħabba l-implimentazzjoni tal-obbligu tal-iżbark, tinħtieġ aktar flessibbiltà fir-reġim attwali tal-isforz tas-sajd biex is-sajjieda jkunu jistgħu jużaw irkaptu li jkun aktar selettiv u li jkollu malja akbar. F'dan il-kuntest, deher li kien hemm b'żonn analiżi biex jiġi evalwat kemm l-istruttura attwali tar-raggruppamenti tal-isforz kienet għadha kosteffiċjenti f'termini ta' piż tal-ġestjoni mqabbel mal-b'żonnijiet tal-konservazzjoni.
- (4) B'riżultat ta' dan, il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) intalab jagħti parir dwar il-possibbiltà li ssir fużjoni tar-raggruppamenti attwali tal-irkapti tax-xbieki tat-tkarkir bi travu BT1 u BT2 li jintużaw biex jiddefinixxu l-gruppi tal-isforz. Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd jikkonkludi <sup>(2)</sup> li hemm riskju li tiżdied il-mortalità mis-sajd tal-merluzz jekk issir il-fużjoni tar-raggruppamenti tal-irkapti BT1 u BT2. L-STECF jikkonkludi wkoll li din il-fużjoni ġdida tar-raggruppament tkun aktar eteroġena f'termini ta' stokkijiet bijoloġiċi maqbuda milli huma r-raggruppamenti separati tal-BT1 u tal-BT2 u li x'aktarx mhux se tiżdied il-kosteffiċjenza peress li jkollhom jittieħdu miżuri addizzjonali biex jopponu l-possibbiltà li tiżdied il-mortalità mis-sajd tal-merluzz. Madankollu, il-konklużjonijiet tal-STECF juru wkoll li jekk il-fużjoni tar-raggruppamenti tal-irkapti ssir, is-sajjieda jkunu jistgħu jistadu b'mod aktar selettiv. Il-fużjoni tar-raggruppamenti tal-irkapti tista' tnaqqas il-qbid inkidentalment tal-barbun tat-tbajja' u ta' speċijiet oħra ta' pixxiċatt.
- (5) L-STECF jirrapporta wkoll li b'mod kumulattiv, l-irkaptu BT1 u BT2 jammonta għal 5 % biss tal-qbid ġenerali tal-merluzz fil-Baħar tat-Tramunata u li l-impatti potenzjali ta' din il-fużjoni fuq il-mortalità tal-merluzz se jkunu limitati.
- (6) Il-fużjoni riċenti tar-raggruppamenti tal-irkapti TR tax-xibka tat-tkarkir tal-qiegħ u tat-tartarun bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2324 <sup>(3)</sup> kellu konsegwenzi negattivi fuq daww l-Istati Membri li jittrasferixxu l-isforzi b'mod regolari mir-raggruppamenti BT fir-raggruppament TR2. Il-fużjoni tar-raggruppamenti BT se tirrimedja għal dawn l-effetti negattivi.
- (7) Il-fużjoni se tnaqqas b'mod sinifikanti l-ispejjeż ta' ġestjoni billi tnaqqas l-ispejjeż amministrattivi għall-awtoritajiet nazzjonali u għas-sajjieda. Peress li ħafna sajjieda jużaw irkaptu differenti u għalhekk huma parti minn diversi raggruppamenti tal-isforz, dawn ikollhom b'żonn ta' kalkoli kumplessi meta jallokaw l-isforzi tas-sajd.
- (8) Skont il-parir tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) <sup>(4)</sup>, l-istatus ta' konservazzjoni tal-istokk tal-merluzz fil-Baħar tat-Tramuntana fis-Subżona IV tal-ICES, fid-Diviżjoni VIIId tal-ICES u fil-parti tal-Punent tad-Diviżjoni IIIa tal-ICES (Skagerrak) tjiieb ħafna.

<sup>(1)</sup> ĠUL 348, 24.12.2008, p. 20.

<sup>(2)</sup> Merging of the BT1 and BT2 gear categories in the North Sea (STECF-16-02).

<sup>(3)</sup> ĠUL 328, 12.12.2015, p. 101.

<sup>(4)</sup> Parir tal-ICES dwar l-oportunitajiet tas-sajd, il-qbid u l-isforz fl-ekoreġjuni tal-Baħar tat-Tramuntana l-Kbir u tal-Ibħra Ċeltiċi: 6.3.4 Merluzz (*Gadus morhua*) fis-Subżona IV u fid-Diviżjonijiet VIIId u IIIa tal-Punent (il-Baħar tat-Tramuntana, il-Kanal Inġliż tal-Lvant, Skagerrak), 30.6.2015.

- (9) Għalhekk mhuwiex xieraq li r-raggruppamenti tal-irkapti BT1 u BT2 jibqgħu separati fl-oqsma li ġejjin: Skagerrak, dik il-parti taż-żona IIIa tal-ICES li mhix koperta minn Skagerrak u Kattegat; iż-żona IV tal-ICES u l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona IIa tal-ICES, u ż-żona VIId tal-ICES. Minħabba l-qagħda ħażina tal-istokk tal-merluzz fiż-żoni ta' Kattegat, iż-żona VIIa tal-ICES, iż-żona VIa tal-ICES u l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona Vb tal-ICES, il-fużjoni tar-raggruppamenti tal-irkapti ma għandhiex applika għal dawn iż-żoni.
- (10) Il-Kummissjoni se tissorvelja mill-qrib l-effetti tal-fużjoni tar-raggruppamenti tal-irkapti BT1 u BT2 fuq il-mortalità mis-sajd tal-merluzz. Jekk ikun xieraq se taddatta l-istruttura tar-raggruppamenti tal-irkapti skont ir-riżultati ta' din is-sorveljanza jekk tiżdied il-mortalità mis-sajd tal-merluzz minħabba r-rimi.
- (11) Biex il-Kummissjoni u l-Istati Membri jkunu jistgħu jissorveljaw kif se tevolve din is-sitwazzjoni mingħajr ma jgħarrbu spejjeż amministrattivi addizzjonali, jixraq li s-sistema ta' rappurtar attwali ma tinbidilx.
- (12) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 1342/2008 għandu jiġi emendat,
- (13) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar is-Sajd u l-Akkwakultura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

Fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1342/2008 jiżdied il-punt li ġej:

- “4. B'deroga mill-punt 1, għall-ġestjoni tal-gruppi tal-isforz tas-sajd fiż-żona msemmija fil-punt 2(b), ir-raggruppamenti tal-irkapti BT1 u BT2 għandhom jitqiesu bħala raggruppament wieħed b'malja ta' daqs ta' 80 mm jew ikbar. L-Istati Membri għandhom jibqgħu jirrappurtaw l-użu tal-isforz b'mod separat għar-raggruppamenti tal-irkapti BT1 u BT2 kif mehtiegħ mill-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.”

#### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Ġunju 2016.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Jean-Claude JUNCKER